# Profil:

# Mro. Joseph Caruana AVCM, A(Mus.) VCM, DPA

## Assistent Surmast/ Għalliem tal-Mużika ġdid



**Is-Surmast Joseph Caruana twieled fl-1961 minn Carmelo u Evelyn nee Mizzi. Ommu Evelyn twieldet il-Birgu u trabbiet f'Ħaż-Żabbar, filwaqt li missieru, li kien is-Surmast Carmelo Caruana, twieled u trabba f'Ħal-Luqa.**

Joseph, ta' sitt snin, ħa l-ewwel lezzjonijiet mużikali minn għand missieru stess u ta' tmien snin intbgħat għand Ms. Degabriele f'Paola biex jitgħallem il-pjanu w it-teorija. Wara li għaddha sal-Grad 6 tal-pjanu, u l-Grad 5 fit-teorija, tar-*Royal Schools of Music*, kompla jitgħallem il-pjanu f'Ħal-Luqa għand il-Professur Charles Zammit. Joseph, kompla jitgħallem it-teorija tal-mużika għand missieru stess. Ta' sittax-il sena Joseph għadda mill-eżami tal-Grad 8 u ta' 18-il sena għamel l-eżami tad-Diploma fil-pjanu tal-*London College of Music* u tal-*General Musicianship tar-Royal Schools of Music.* Wara dan, Joseph kompla jitgħallem għand missieru l-arti tal-arranġamenti fil-mużika u d-Direzzjoni.

Sa dan it-tant, wara li Joseph (meta kien għadu tfajjel) kien meħud l-hemm u l-hawn mall-Baned Maltin minn missieru Carmelo, li issa kien is-Surmast tal-Banda King's Own tal-Belt Valletta, fejn Joseph tħajjar jibda jdoqq il-klarinett. Dan l-istrument bdieh waħdu u wara li missieru Carmelo semgħu jdoqq mhux ħażin f'attivita` tal-iskola, ħadu ħdejh u kompla jgħallmu. Ta' tmintax-il sena (sentejn wara li beda jmiss l-istrument) missieru Carmelo ħadu jdoqq mall-Banda de Paule, fis-sena 1979. Fis-sena 1985 bedà jdoqq mas-Soċjetà Filarmonika King's Own tal-Belt Valletta bil-klarinett. Fis-sena 1990 beda jgħallem it-teorija u l-istrumenti tal-injam mal-Banda De Paule u fis-sena 1995 kien jgħallem it-teorija u l-istrumenti tal-injam mal-Banda La Stella tar-Rabat, Għawdex. Fis-sena 1999 kien appuntat għalliem tat-teorija u l-istrumenti ta' l-injam u wkoll Assistent Surmast mal-Banda Lourdes ta' Paola. Kien ukoll Assistent Surmast tas-Soċjeta Filarmonika Marija Annunzjata ta' Ħal Balzan.

Sa dan it-tant, wara li Joseph tkellem mal-mibki Surmast Ronnie Debattista, fejn l-istess Surmast Ronnie Debattista ħajjar lil (u hawn Joseph aċċetta bil-qalb) biex jistudja d-daqq tal-klarinett aktar bis-serjeta` u jagħmel xi eżamijiet tal-klarinett. Għalhekk Joseph, kompla jitgħallem u jispeċjaliza fid-daqq tal-klarinett u t-teorija tal-kuntrapunt u b'hekk għadda mill-eżamijiet tad-Diplomi tad-daqq tal-klarinett fl-1996 u tat-teorija tal-mużika fl-1999 tal-*Victoria College of Music.*

Wara li missieru Carmelo miet f'Jannar tas-sena 2005, Joseph wessa l-esperjenzi tiegħu fil-mużika fejn barra d-daqq ta' l-orgni fil-Knisja u l-pjanu d-dar u d-daqq tal-Klarinett mal-Baned, huwa kompla bl-arranġamenti fejn ikun meħtieġ. Fis-sena 2013, Joseph kien appuntat l-ewwel Surmast Direttur tas-Soċjeta` Filarmonika 11 ta' Frar ta' Paola fejn għadu jżomm tali kariga sal-lum. U issa bi pjaċir kbir li f'Ġunju 2020 inħatar Assistant Surmast u Għalliem tal-istrumenti tal-injam mal-Banda Sant' Anna ta' Marsaskala. Huwa jistqarr li għandu għal qalbu ħafna l-mużika eklesjastika.